

Avviż ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi

(2009/C 320/15)

I. SUĠĠETT

1. Qed issir sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum kopert bil-kodiċi tan-NM 1005 90 00 u li ġej minn pajjiżi terzi.
2. Is-sejħa għall-offerti qed issir skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2009 ⁽¹⁾.

II. SKADENZI

1. Il-perjodu għat-tressiq tal-offerti għall-ewwel sejħa parzjali jagħlaq fl-14 ta' Jannar 2010 fl-10:00, ħin ta' Brussell.

Il-perjodi għat-tressiq tal-offerti għas-sejħiet parzjali sussegwenti jagħlqu fil-jiem ta' wara fl-10:00, ħin ta' Brussell:

- it-28 ta' Jannar 2010,
- il-11 u l-25 ta' Frar 2010,
- il-11 u l-25 ta' Marzu 2010,
- il-15 u d-29 ta' April 2010,
- it-12 u s-27 ta' Mejju 2010.

2. Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat biss għall-ftuħ tas-sejħa għall-offerti attwali. Mingħajr preġudizzju għall-emendar jew is-sostituzzjoni tiegħu, dan l-avviż japplika għas-sejħiet parzjali kollha li jitwettqu matul il-perjodu ta' validità ta' din is-sejħa għall-offerti.

III. OFFERTI

1. L-offerti li għandhom jitressqu bil-miktub għandhom jaslu f'wieħed mill-indirizzi li ġejjin sa mhux aktar tard mid-dati u l-ħinijiet indikati fit-taqsimha II, jew billi jitwasslu kontra l-għoti ta' riċevuta, jew inkella b'mezzi elettroniċi:

Indirizz għat-tressiq tal-offerti:

Fondo Español de Garantía Agraria (FEGA)
C/ Beneficencia, 8
28004 Madrid
ESPAÑA

Posta elettronika: intervec@fega.mapya.es;

Feks +34 913104618 / 915219832 / 915224387 / 913476387 / 913474708

L-offerti li ma jitressqux b'mezzi elettroniċi għandhom jaslu fl-indirizz rilevanti f'żewġ envelops ittimbrati. L-envelop ta' ġewwa, ittimbrat ukoll, għandu jkollu l-indikazzjoni "Offerta marbuta mas-sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum-ir-Regolament (UE) Nru 1292/2009".

L-offerti jibqgħu jgħoddu sa meta l-Istat Membru konċernat jikkomunika lill-offerent ir-riżultat tas-sejħa għall-offerti.

2. L-offerta flimkien mal-prova u d-dikjarazzjoni msemija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 ⁽²⁾ għandhom isiru bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li organizzazzjoni kompetenti tiegħu tkun id-destinazzjoni tal-offerta.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 24.12.2009.

⁽²⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57.

IV. GARANZIJA TA' SEJĦA GĦALL-OFFERTI

Għandu jsir id-depożitu ta' garanzija ta' sejħa għall-offerti mal-organizzazzjoni kompetenti.

V. GĦOTI TAL-KUNTRATT

L-għoti tal-kuntratt jikkonferixxi:

- (a) id-dritt għall-ħruġ, fl-Istat Membru fejn tressqet l-offerta, ta' liċenzja tal-importazzjoni li ssemmi t-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fl-offerta, għall-kwantità konċernata;
 - (b) l-obbligu li fl-Istat Membru msemmi fil-punt a) jintalab liċenzja tal-importazzjoni għal din il-kwantità.
-